FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA 29 TA' MEJJU 2002

PULIZIJA
SPETTUR PIERRE MICALLEF GRIMAUD
VS
ROBERT XUEREB
CHRISTOPHER SPITERI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Robert Xuereb ta' 16 il-sena, bin Michael u Lourdes nee Calleja, imwieled l-Ingilterra fil-11 t'April 1983 u joqghod 131, Flat 6, Victory Street, Gzira u Christopher Spiteri ta' 15 il-sena, bin Joseph u Agnes nee Mamo, imwieled il-Pieta fit-23 ta' Marzu 1984 u joqghod St Mary Flats, 3, Stadium Street, Gzira talli fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 ta' Dicembru 1998, gewwa San Giljan, irrifjutaw li jaghtu jew taw falz, lill-ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, isimhom, kunjomhom, fejn joqoghdu, u partikolaritajiet ohra, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(g) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil Robert Xuereb wahdu talli fit-23 ta' Dicembru 1998 u matul dawn l-ahhar granet qabel it-23 ta' Dicembru 1998, iddenunzja lil Pulizija Esekuttiva, reat li jaf li ma sarx, inkella holoq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar, u dan bi ksur tal-Artikolu 110(2) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil Christopher Spiteri talli fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 ta' Dicembru 1998, gewwa San Giljan, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna

inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti, u dan bi ksur tal-Artikolu 96 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-25 t'April 2002 fejn il-Qorti laqghet it-talba ghall-separazzjoni tal-gudizzju.

Rat il-verbal tad-29 ta' Mejju 2002 fejn l-imputat Xuereb ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat Xuereb hati skond l-akkuza u wara li rat Art 338(g), Art 110(2), Art 37 tal-kap 9 u Art 9 tal-kap 152 u tillibera lill-imputat bla kondizzjoni tenut kont li si tratta ta' first offender u ta' l-eta tenera tieghu fid-data tal-incident.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.